MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1042/2006

**Talba Nru: 1042/06PBC**

**Alfred Micallef ID: 212160(M)**

**Vs**

**Anatole Baldacchino ID: 98165(M) ezercenti l-kummerc A. Baldacchino & Co., L-Orangerie**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur qed jitlob lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija w erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1,174) u dan peress illi minn Awissu 2005 sa Mejju 2006, l-attur kellu vertenza mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar is-sena ta' stima 2001.

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien hareg stima fuq l-attur ghal taxxa dovuta ta’ elf u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm1,054).
Illi l-attur qabbad lill-konvenut bhala konsulent fiskali sabiex jikkontesta f’ismu l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi l-konvenut b’negligenza grossolana naqas milli jikkontesta l-imsemmija stima kif titlob il-ligi, (senjatament ipprezenta l-oggezzjoni tard, mhux fuq il-formola preskritta u rrefera ghal snin ta’ stima hziena).

Illi n-negligenza grossolana tal-konvenut tirrizulta minn ittra mibghuta lill-konvenut mis-Sinjorina Taliana ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 29 ta’ Frar, 2006 kif ukoll ittra datata 11 ta’ Mejju, 2006 mis-Sinjorina Amanda Zahra ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi bhala konsegwenza tan-negligenza grossolana tal-konvenut, l-oggezzjoni kienet irrita u nullu, u bhala konsegwenza ta’ dan, l-istima tat-taxxa saret ‘final and conclusive’.

Illi ghas-servizzi tieghu, l-konvenut iccargja lill-attur is-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), liema fattura giet debitament imhallsa.

Illi ghaldaqstant minhabba n-negligenza grossolana tal-konvenut, l-attur kellhu jhallas is-somma ta’ elf u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm1,054).

Illi l-attur permezz ta’ l-avukat tieghu, nterpella lill-konvenut jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna imma l-konvenut baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m’ghandux:

1. Jiddikjara illi l-agir tal-konvenut jammonta ghal negligenza grossolana.

2. Jiddikjara illi bhala effett tan-negligenza grossolana tal-konvenut, l-attur sofra danni ghall-ammont ta' elf u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm1,054).
3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm1,054).
4. Tordna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) rapprezentanti l-fees tieghu.
5. Taghti kwalsijasi provvedimenti illi jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut dejjem qeda l-obbligi professjonali tieghu b'diligenza kbira u skond is-sengha u l-arti, u espleta l-inkariga tieghu moghti lilu mill-attur, u jinkombi fuq l-attur li jipprova l-kuntrarju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li l-ammont kif reklamat huwa taxxa dovuta mill-attur u mhux danni kawzati lilu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-attur sofra xi danni dawn naxxenti mill-agir tieghu u mhux mill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.
Sema' x-xhieda tal-partijiet u ta' Hector Buhagiar.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Robert Attard ghall-attur u ta' Dr Franco Galea ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur li jahdem bhala *wedding planner* kien gie *audited* mill-Inland Revenue Department u dan ghas-sena 2001 u ghal *neighbouring years*, jigifieri ghas-snin ta' qabel u ta' wara. Huwa kien

qieghed jinnegozja direttament mad-Dipartiment tat-Taxxi pero' kien qed izomm lill-konvenut infurmat x'qed jigri u jitolbu l-pariri tieghu. Il-konvenut jahdem bhala Certified Public Accountant.

Jirrizulta wkoll illi in segwitu ghal dawn id-diskussjonijiet li l-attur kellu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-attur minn jeddu ffirma *adjustment forms* u awmenta d-dhul taxxabbli tieghu u b'rizultat ta' dan inhargu *revised assessments*.

L-attur qieghed jikkontendi illi ghar-rigward ta' l-*assessment* ta' Year of Assessment 2001, fil-kors tan-negozjati tieghu mat-Taxxi Interni huwa kien nesa' jinformhom illi f'dik is-sena (sena Bazi 2000) huwa kien qed jirregistra *unemployed* ma' l-ETC u li inoltre, kien hemm gustifikazzjoni ghaliex kellu certu ammont ta' flus fil-bank fuq ismu u dan ghaliex huwa kien ta *loan* lill-membru tal-familja u li dan kien ghadu kif hallsu lura.
Huwa hass li b'rizultat ta' dawn iz-zewg informazzjonijiet kellu ragunijiet validi biex jikkontesta tali *assessment*.

L-*assessment* in kwistjoni hareg fid-9 t'Awissu, 2005 u dwar dan l-attur jghid illi malli huwa gie notifikat biha, huwa mill-ewwel mar jinforma lill-konvenut u talbu jikkontesta. Jghid ukoll illi xi gimgha gew gimghatejn wara rega' cempel lill-konvenut biex ifakkru jibghat il-formola tal-kontestazzjoni u kkonfermalu li fil-fatt il-formola kienet intbaghtet. Gara illi effettivament, fi Frar 2006 l-attur gie nfurmat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni illi hija kienet irceviet fl-24 ta' Frar, 2006 ittra li kienet iggib id-data tal-14 ta' Novembru, 2005 minghand Anatole Baldacchino. Din l-ittra kienet qeghda titlob lid-Dipartiment biex jirrevedi l-*assessments* ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002 u 2003.

Id-Dipartiment avza lill-imsemmi konvenut b'kopja lill-attur illi ghar-rigward tas-snin 2000, 2002 u 2003 ma kienux hargu *assessments* u fir-rigward tas-sena 2001, l-ittra kienet tardiva u ma saritx fuq il-formola preskritta. In segwitu ghal dan l-attur ipproceda biex ipprezenta *objection* fuq il-formola preskritta u talab lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jirrevedi l-pozizzjoni tieghu izda

b'ittra tal-11 ta' Mejju, 2006 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni nforma lill-attur illi din ma kienetx giet accettata ghax ma saritx entro t-terminu preskritt mil-ligi ta' tletin gurnata mid-data tan-notifika.

B'rizultat ta' dan ghalhekk l-attur hallas is-somma ta' elf u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm1,054) mitlub fl-Avviz ta' likwidazzjoni ghas-sena ta' stima 2001 liema somma huwa jikkontendi li ma kienx ikun obbligat li jhallas kieku l-*objection* tieghu gietipprezentata fiz-zmien ghaliex huwa kien ittamat illi l-*objection* tieghu kien ser ikollha success.

Da parti tieghu l-konvenut isostni illi ghalkemm l-attur kien qed jikkonsultah dwar l-adjustment forms li kien bihsiebu li fil-fatt ghamel l-istess attur fil-kors ta' negozjati tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, fl-ebda hin ma gie mitlub biex jaghmel *objection* ghall-*assessment* tas-sena ta' stima 2001. Inoltre, huwa jghid illi huwa minnu li kien qed jipprova jikkontesta l-pozizzjoni li kienet qed jiehu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-konfront ta' l-attur in vista tal-fatt li l-attur kien qallu illi ma kienx hadem sena shiha izda mbaghad, meta huwa ezamina d-dokumenti bankarji li l-attur kien gablu fl-ufficcju tieghu, huwa wasal ghall-konkluzjoni illi kontra dak li kien qed jghid l-attur, kien hemm evidenza oggettiva li kienet turi li l-attur kellu sors ta' dhul u ghalhekk f'ghajnejn il-konvenut, l-attur ma kienx kredibbli fl-affermazzjoni tieghu li ma kienx qed jahdem. Huwa kien irrabja ma' l-istess attur u dakinhar "qattghu l-karti" l-konvenut hareg kont u l-attur hallsu. Mill-provi prodotti jirrizulta illi effettivament il-konvenut thallas fil-15 ta' Novembru, 2005.

Mehud dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi jirrizulta provat illi ghalkemm il-konvenut kiteb ittra u fuq din l-ittra kien ghamel id-data tal-14 ta' Novembru, 2005 effettivament din waslet ghand id-Dipartiment fi Frar 2006. Jirrizulta wkoll provat illi l-konvenut m'ghamilx oggezzjoni formali skond il-formola preskritta ghas-sena ta' stima 2001 u l-kwistjoni hija jekk verament inghatax l-inkarigu lill-konvenut sabiex jaghmel oggezzjoni formali ghal din l-istima.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi galadarba l-konvenut kiteb ittra bid-data tal-14 ta' Novembru, 2005 li biha talab lid-Dipartiment "to revise the assessments for the years of assessment 2000, 2001, 2002 and 2003" dan ifisser illi zgur inghata lilu l-inkarigu sabiex jaghmel l-oggezzjoni ghall-avviz ta' likwidazzjoni ta' sena ta' stima 2001.

Inoltre, t-Tribunal huwa daqstant iehor konvint illi l-attur ta l-inkarigu lill-konvenut *a tempo vergine* u ghalhekk dan ifisser li l-konvenut kien tardiv. Ghalhekk il-konvenut huwa responsabbili ghad-danni.

Il-kwistjoni l-ohra hija jekk verament kienx hemm danni. Il-piz tal-prova tispetta lill-attur li jrid jikonvinci lit-Tribunal li fuq bazi ta' probabbilitajiet, kien ikollu success fl-oggezzjoni tieghu kieku giet ipprezentata fil-fin fuq il-formola preskritta.

It-Tribunal m'huwiex konvint illi tali oggezzjoni kienet tkun ta' success.

Kontrarjament ghal dak li qal l-attur, it-Tribunal huwa konvint li l-attur kien dejjem konxju ghall-fatt illi fis-sena bazi 2000 ma kienx impjegat ghal sena shiha u li kien thallas lura l-ammont misluf minnu lill-familjari tieghu ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000). Dan ma kienx ammont zghir u certament kien jimpingi f'mohh l-attur fiz-zmien tan-negozjati li kien qed ikollu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u ghalhekk, galadarba dawn iz-zewg aspetti gew dibattuti mad-Dipartiment u galadarba li in segwitu ghall-istess l-istess attur minn jeddu ghamel dikjarazzjoni addizzjonali ghall-finijiet ta' taxxa, dghajjef severament id-dikjarazzjoni tieghu sussegwenti li huwa kellu evidenza biex jikkontesta dak li huwa stess kien iddikjara ftit ta' xhur qabel.
Hija qajla kredibbli illi huwa ma rnexxielux igib id-dokument mill-ETC in sostenn ta' dak li kien ilu jaf ghal zmien twil u sahansitra d-dokument ta' l-ETC esebit bhala Dok. AM8 igib id-data tal-15 ta' Marzu, 2005.

Inoltre, t-Tribunal kellu okkazzjoni sabiex jezamina l-*bank records* tal-konvenut li gew esebiti fis-seduta tat-12 ta'

Gunju, 2007 u minnhom stess hemm indikazzjoni ta' moviment fl-accounts u anki certu depoziti, ghalkemm mhux sostanzjali, pero fir-rizultat taghhom juru illi ghalkemm skond il-formola ta' l-ETC il-konvenut ma hadimx bejn it-2 ta' Mejju, 2000 u t-8 ta' Novembru, 2000, jirrizulta illi:

| | |
|---|---|
| F'Mejju kien hemm depoziti | Lm485 |
| f'Gunju disgha | Lm89.60c |
| f'Lulju | Lm955.68c |
| f'Awissu | Lm331.83c |
| F'Settembru | Lm185.14c |
| f'Ottubru | Lm346.71c |

Dawn l-ammonti m'humiex ammonti fissi u certament ma jirraprezentawx dhul regolari minn xi *unemployment benefit*. Dawn huma indikazzjoni ta' dhul ta' bniedem *self-employed* li jkollu dhul irregolari.

Illi ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li l-konvenut gie debitament inkarigat sabiex jaghmel oggezzjoni ghall-*assessment* fuq imsemmija, ma jirrizultax sodisfacentement ipprovat illi l-attur sofra xi danni minhabba f'hekk.

L-unika danni li efftivament sofra l-attur huwa parti mid-drittijiet professjonali li hallas lill-konvenut.

Bid-dokument a fol 39 tal-process jirrizulta illi l-attur hallas mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) lill-konvenut liema ammont jikkomprendi l-VAT u t-Tribunal huwa tal-fehma illi parti sostanzjali ta' dan l-ammont jikkomprendi xoghol ossija servizz moghti mill-konvenut lill-attur qabel ma kien hemm l-inkarigu sabiex isir l-oggezzjoni u ghalhekk ihoss illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandu jkun hemm rifuzjoni mill-konvenut lill-attur ta' kwart (¼) ta' l-ammont minnu rcevut u cjoe' l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

Illi in vista tal-premess, minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ in parte t-talbiet ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ erbghin lira Maltin (Lm40). L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------